MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1632/1999/1

**Rita Saliba f'isimha proprio u bhala kuratrici *ad litem* tat-tifla minuri Gaynor**

**vs**

**Mario Saliba**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Lulju 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti huma mizzewgin u mill-imsemmi zwieg kellhom it-tifla minuri Gaynor;

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati *di fronte* ta' l-attrici ta' adulterju, mohqrija, sevizzi, ingurji gravi u minacci u *di piu'* z-zwieg bejn il-komparenti tkisser b'mod irrimedjabbli;

Illi l-kontendenti gew awtorizzati b'digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili biex jipprocedu bl-istanti li jgib in-numru 741/99 (ara Dokument "RS1");

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bi htija esklussiva w unika tal-konvenut.

2. Taffida l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Gaynor b'access u dritt ta' vizitazzjoni lill-konvenut.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghat-tifla minuri Gaynor manteniment skond il-ligi.

4. Tapplika kontra l-konvenut fl-intier taghhom jew *in parte* u dan sakemm applikabbli l-komminazzjonijiet previsti **f'artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** inkluz li l-konvenut iddekada mid-drittijiet ta' successjoni.

5. Tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti, li fost ohrajn tikkomprendi d-dar konjugali bl-isem ta' "Desert Rose", Triq l-Alfier, Zejtun, u dan billi tiddividiha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali *stante* l-htija tal-konvenut u *ope sententiam* tikkonsenja parti lill-attrici u parti lill-konvenut.

6. Tiddikjara li l-attrici ghandha jkollha d-dritt li tibqa' tabita fid-dar konjugali "Desert Rose", Triq l-Alfier, Zejtun, ad eskluzjoni tal-konvenut, ghal zmien u perjodu li tiddetermina dina l-Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawn tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta’ Marzu 2000 fejn minkejja l-kontumacja tal-konvenut il-Qorti nnominat lil Dr. Monica Borg Galea bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi fil-kawza; tat-23 ta’ Gunju 2000; tas-16 t’Ottubru 2000; tat-23 t’April 2001; tat-8 t’Ottubru 2001; tas-6 ta’ Novembru 2001; tas-6 ta’ Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta; u tad-29 ta’ Mejju 2002.

Rat iz-zewg noti ta’ l-attrici datati 1 ta’ Novembru 2002 fejn permezz ta’ wahda esebiet l-affidavits ta’ Catherine Vella u ta’ Joseph Mario Vella, filwaqt li bl-ohra esebiet sitt dokumenti kontenenti kuntratt ta’ l-akkwist tad-dar matrimonjali li hija proprjeta’ ta’ zewgha l-konvenut, kuntratt ta’ fidi ta’ cens ta’ l-istess dar, zewg rapporti tal-pulizija dwar swat li allegatament qalghet minghand l-istess zewgha, u zewg certifikati medici.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 3 t’Ottubru 2002 fejn talbet li l-HSBC (Home) Loans jigu ezentati mis-sigriet professjonali sabiex jaghtu nformazzjoni dwar xi pagamenti li saru fil-*loan* in kwistjoni tal-fond “Desert Rose”, Triq l-Alfier, Zejtun.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-4 t’Ottubru 2002 fejn filwaqt li laqghet it-talba tat ukoll digriet ta’ l-affidavit ta’ l-attrici b’terminu ta’ tletin (30) gurnata, u ordnat lill-Assistenta Gudizzjarja sabiex wara tali terminu tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni provi tal-istess attrici.

Rat il-verbal tas-6 ta’ Novembru 2002 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta’ l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea u nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Mark Chetcuti biex jirrelata a spejjez provizorjament attrici. Inghata digriet affidavit tal-konvenut b’terminu ta’ erbghin (40) gurnata mid-data tal-konkluzjoni provi attrici, wara liema terminu l-Perit Legali gie ordnat izomm tliet seduti ghall-konkluzjoni provi tal-konvenut u wara jghaddi ghar-rapport.

Rat in-nota tal-konvenut tat-12 ta' Novembru 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat in-nota ta' l-attrici tal-11 ta' Frar 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavits ta' Joseph Cassar, George Cassar, Angelo Cassar, u ta' Polly Gauci mart Emanuel nee Cassar.

Rat in-nota sussegwenti tal-konvenut datata 9 ta' Mejju 2003 li biha rriserva li jaghmel il-kontro-ezami ta' l-affidavits ta' l-istess xhieda prodotti mill-attrici permezz tan-nota taghha tal-11 ta' Frar 2003.

Rat il-verbali tal-5 ta' Novembru 2003; tat-2 ta' Dicembru 2003; tat-22 ta' Jannar 2004 fejn il-Perit Legali Dr. Mark Chetcuti halef ir-rapport. Dr. Anna Mallia ghall-attrici rrimettiet ruhha ghar-rapport; u tal-24 ta' Frar 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lill-konvenut sabiex jipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollha l-istess terminu biex tirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Gunju 2004.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 14 t'April 2004 fejn ordnat li l-kawza tigi rikjamata sabiex is-sentenza tinghata fis-27 ta' Mejju 2004 flimkien mal-kawza fl-ismijiet inversi.

Rat li l-konvenut minkejja li gie debitament ingunt baqa' ma pprezenta ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali, il-verbali tas-seduti minnu mizmuma, inkluz ix-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** tixhed li zzewget lill-konvenut fil-15 ta’ Frar 1989 u kellhom tifla li llum ghandha 15-il sena. Tirrakonta li l-inkwiet beda seba’ snin ilu. Bdiet tissuspetta li kellu relazzjoni ma’ mara ohra ghax kien idum ma jidhol fil-ghaxija jew wara x-xoghol jinhasel u jerga’ johrog. *Inoltre* cemplilha r-ragel ta’ certu Monica li qalilha li l-konvenut kellu relazzjoni maghha. Meta affrontat lill-konvenut b’dan hu ma cahadx u qalilha li kien xeba’ minnha. Dakinhar hu telaq mid-dar matrimonjali u ghamel erbat ijiem ma jirritorna lura d-dar. Baqa’ f’din ir-relazzjoni ma’ din Monica ghal xi sena. Kera *flat* minghand ir-ragel ta’ Monica stess. Qalet *inoltre* li saret taf li zewgha kellu mara ohra f’Marzu 1999 u ppruvat tirrikoncilja.

Illi l-attrici tirrakkonta illi kien hemm problemi ohra fiz-zwieg. Zewgha kien vjolenti maghha meta kienu jargumentaw. Kien johloq l-argumenti u jibda jaghmel ix-xenati. Irrakkontat li darba dahal tard u qabadha u tefaghha ma’ l-art. Kien ikollhom ukoll inkwiet fuq hutha. Irrakkontat li tefaghlha flixkun mimli tal-*plastic* li hallielha marka fuq sidirha. Ghamlet rapport l-ghassa u anke esebiet ir-rapporti medici in konnessjoni mas-swat. Qalet li s-swat beda mindu beda jkollu relazzjonijiet ma’ nisa ohra qisu sentejn qabel ma sseparaw.

Illi l-attrici tirrakkonta wkoll problemi ohra li kkontribwew ghall-falliment taz-zwieg. Qalet li meta kien jigi fil-ghaxija mix-xoghol *part time* li kellu ta’ l-irham, ma kienx irid jinhasel u hi ma kinitx tridu jorqod hdejha u ghalhekk kien jorqod fl-art. Kienet tipprova toqghod fejn zewgha pero’ kien ikecciha minn hdejh. Kien ighidilha li kien ghajjien. Ghalkemm kienet theggu jirrangaw il-qaghda matrimonjali taghhom, hu ma riedx.

Illi kien hemm problemi wkoll ma’ hutha ghax kien ighid li ghamlilhom xi xoghol u ma thallasx.

Illi hi telqet mid-dar ghax zewgha kien isawwatha u giet kostretta tmur ma’ ommha.

Illi qalet ukoll illi llum zewgha ghandu relazzjoni ma' Russa u din sahansitra tghix f'daru. Tafu ghax darba cemplet lil zewgha d-dar wara li sseparaw u rrispondietha din il-mara. Qabdet ukoll *detective* li ha ritratti tal-konvenut ma' din il-mara.

Illi qalet li zewgha kien jaghtiha Lm50 manteniment fil-gimgha ghalkemm kien hemm zmien meta kien jaghtiha *cheque* tal-manteniment u dan ma jissarafx. Zewgha jahdem ghal rasu fl-irham. Kien issellef xi flus ghal dan ix-xoghol u ghamel garanzija d-dar matrimonjali li hi proprjeta' parafernali tieghu. Hi ghamlet zmien tahdem *part time* u l-flus li kienet taqla kienu jfaddluhom biex ihallsu lill-bank. Gieli hallasha l-manteniment mill-*overdraft* meta ma kienx idahhal flus mill-*part time*.

Illi rigward is-sitwazzjoni finanzjarja l-attrici qalet illi kellha kontijiet f'isimha fl-HSBC fl-ammont ta' Lm1,436 u Lm67. Kienu flus taghha personali li gemmghet mill-flus li kellha u milli hadet mis-servizzi socjali. Dawn il-flus inqabdu mill-bank ghax zewgha ma kienx qed ihallas l-*overdraft*. Id-dar matrimonjali hi parafernali tar-ragel izda c-cens infeda fiz-zwieg. Zewgha kellu wkoll *garage* mikri ghandu li ma tafx x'sar minnu. Zewgha ghandu vann Kia numru BBJ 886 u Fiat Punto. Qalet li ghandu wkoll zewg dghajjes wahda minnhom qeghda f'*showroom* ta' missieru u l-ohra ma tafx x'sar minnha. Id-dghajjes jisimhom Topcat u Pinot de Pinot. L-ewwel wahda xtraha Lm5,000 tmien snin ilu u l-ohra xtraha Lm9,000 xi seba' snin ilu. Il-prezz saret tafu minghand zewgha stess u xehdet li hi stess gieli rikbet fuq il-Pinot de Pinot.
Illi in kontro-ezami xehdet illi zewgha kien ghamel xi xoghol ghal hutha qabel iz-zwieg u ma thallasx tieghu. Qalet ukoll li mhux minnu li zewgha ma kienx kuntent b'xi xoghol li fih ghenuh hutha fid-dar matrimonjali. Hi kkonfermat illi hutha ghenu lill-*konvenut* fil-bini tad-dar matrimonjali.

Illi oht l-attrici **Catherine Vella** xehdet illi qabel iz-zwieg il-konvenut kien jimpurtah biss mix-xoghol u kien jahdem sieghat twal. Spiss kien ihalli lill-attrici tistennih avolja jkunu ftehmu li jiltaqghu. Wara z-zwieg ohtha kienet

izzomm kollox ghaliha u ma titkellimx pero’ x-xhud kienet tinnota li ma kienx ikollha flus u f’xi okkazjoni dejjem kienet tkun bl-istess ilbies.

Illi fl-1999 cemplet omm il-konvenut u kellimha zewgha li qalilha li l-konvenut kellu mara ohra. Marru ghand l-attrici u hi kkonfermat li fil-fatt kellu mara ohra u li kien ihalliha nieqsa mill-flus. Qaltilhom li jisimha Monica pero’ x-xhud tistqar li qatt ma ratu maghha ghalkemm rawh ma’ mara Russa kemm-il darba wara. Qalet li ratu jaghmel xoghol ta’ l-irham kemm-il darba pero’ lil ohtha kienet taghtiha l-flus ghax kien ihalliha nieqsa.

Zewgha John Mary Vella kkonferma x-xiehda ta’ martu u qal illi omm il-konvenut kienet cemplitlu u qaltlu l-kliem *“Dak il-wicc ta’ kelb ghandu ohra”*. Saru xi affidavits minn hut l-attrici George Cassar, Angelo Cassar u Polly Gauci li kollha qalu li l-konvenut ghamlilhom xi xoghol fi djarhom b’xejn qabel iz-zwieg.

Il-konvenut fl-affidavit tieghu xehed illi l-problemi matrimonjali bdew immedjatament wara t-tieg. Martu kienet gja’ tqila u kellha karattru difficli li haseb li kien kawza tat-tqala. Anke ghall-ahhar tat-tqala kienet tinsisti li tmur ma’ ohtha l-bahar xi tliet darbiet fil-gimgha avolja kien iwissiha biex tibza ghat-tarbija billi kienet taghmel hinijiet twal fix-xemx.

Hi ma kinitx taghti kazu. Ma kienet issajjar xejn pero’ kienet tiehu rigali ta’ ikel ghand ohtha. Meta kien jirritorna wara gurnata xoghol ma kienx isib ikel u kienet iggiblu l-iskuza li hi ghajjiena. Ma kienx isib ikel x’isajjar ghax il-*cupboards* u l-*freezers* kienu jkunu vojta.

Qal li dak iz-zmien kien jahdem id-Dwana u *part-time* fl-irham. Kellu ntrojtu tajjeb u kien jaghtiha xi Lm60 fil-gimgha.

Kien ihobb lil martu pero’ ma kienx jircevi ebda rispett min ghandha. Meta kien jixtri xi ornamenti ghad-dar kienet tiggieled mieghu u tghidlu li d-dar hi kbira. Ghalhekk

qabbad lil kugintu tnaddfilhom id-dar darba fil-gimgha. Pero' martu ma naqsitx tgerger.

Qal li hadem hafna xoghol ghal hutha u kellha tigbor il-flus hi ghax hu staha.  Dawn il-flus qatt ma gabithom jew jekk gabithom zammithom hi ghax hutha qalulu li hallsu lilha.

Hu kien ighin fid-dar wara t-twelid tat-tarbija ghax hutha flok ighinu kienu jgorru kull ma jkollhom bzonn mill-*cupboards* u wrihom li ma ghandux pjacir bihom. Ghalhekk kien ghamel xi erba' snin jahsel id-dar hu wara x-xoghol u martu baqghet l-istess cioe' dejjem tgerger.

Meta t-tarbija kienet tkun ma tiflahx, flok tiehu hsiebha, l-attrici kienet iccempel lil ommu u tispicca tqatta' granet ghand ommu.  Qal li mit-tnax-il sena li ghandha binthom ghexet tmienja minnhom ghand ommu.  Binthom fil-fatt baqghet il-favorita tal-genituri tieghu mill-ulied kollha.

Wara li twieldet it-tarbija, martu bdiet issajjar pero' bil-menu li ma jvarjax u anke jekk it-tifla ma joghgobiex certu ikel, xorta kienet tipprepara l-istess, u kienet tibghatha ghand ommu jew ohtu.

Anke r-relazzjoni sesswali naqset wara z-zwieg u kienet tkun trid li jkollhom relazzjonijiet f'certi granet specifici biss.

Martu dejjem ghazlet lil familtha qablu.  Irrakkonta episodju meta martu gellditu ma hutha ghax qalet li ma felhitx ghal dar kbira u hu ma riedx ibiegh.  Hutha xewxuha kontrih biex titilqu u anke xlewh li kellu relazzjoni ma' nisa ohra.  Fil-fatt f'dik l-okkazjoni telaq id-dar bit-tifla ghax martu ma riditx tigi lura, izda dak il-lejl cemplitlu u talbitu mahfra.

Jghid li kien jixtieq wara gimgha xoghol johorgu jieklu flimkien pero' martu kienet trid tmur ghand ommha fejn kienu joqoghdu jitkixxfu dwar il-qliegh tieghu.  Fl-ahhar kien iwassal lil martu ghand familtha u hu jmur fil-*garage* jahdem.

Minflok fehmitu, martu marret ma ommha ghand Dun Ang Seychell li ppropona laqgha bejnu u l-attrici. F'din il-laqgha Dun Ang spicca qalilha li kienet ardita u dispettuza lejn zewgha u wissiha li jekk tibqa' f'din il-hajja zewgha ser jitlaqha u jsib mara ohra. Hu ppropona li jmorru laqghat kull gimgha u fil-fatt damu jmorru xi tmien xhur. Sadattant kien ukoll qed ighin lil Dun Seychell f'*refurbishment* ta' *hostel* ghall-handikappati izda flok tinkoraggih kienet tghajru ghax ix-xoghol kien qed isir bla hlas. Wara xi zmien waqfet tattendi ghal-laqghat.

Minkejja dan ma tbiddel xejn fiz-zwieg. Kien iqatta' hafna hin fuq ix-xoghol u gieli mar id-dar fl-ghaxra ta' bil-lejl u jsib it-tifla bid-deni jew mhux mahsula.

Anke meta kellha bzonn tmur l-isptar ghal gurnata *circa* 1996 hu mar u qaghad maghha. Minflok ringrazzjament meta kellhom xi jghidu ghajritu li kien bahnan ghax qaghad maghha.

Wara ftit zmien waqa' f'*depression* u anke kellu jara psikjatra ghax il-*business* kien sejjer hazin billi f'dak iz-zmien kien beda jahdem ghal rasu u l-problemi ta' martu ma kinux ighinuh, anzi kienet tghajru mignun.

Waqt xi argument gieli pprovokatu billi ssawwat lit-tifla jew tkisser xi affarijiet tad-dar. Mhux l-ewwel darba li gie ghajjien mix-xoghol u kienet tispicca tippuntalu xi sikkina.

Avolja kien jahdem anke l-Hadd biex ma jhallix il-familja nieqsa, kienet tghajru li ghandu *speedboat* ghal xejn. Pero' anke meta ma kienx ikollu xoghol xorta ma kinitx tkun trid tigi mieghu.

Darba giet bi proposta li tmur tahdem *waitress* u biddlet xi sitt *jobs* fi tliet xhur. Imbaghad sabet *job* iehor bejn is-sitta ta' fil-ghaxija u nofs il-lejl. Pero' kienet tidhol fl-erbgha ta' fil-ghodu ghax kienet tmur tiehu *drink* ma' shabha. F'dak iz-zmien kellu problema tax-xoghol li fuqha spicca l-Qorti u mohhu beda jghejja. Iltaqa' ma' mara ghand il-psikjatra li kellha problemi simili ghal tieghu u nholqot hbiberija bejniethom ghax kienu jsibu wens f'xulxin. Pero' din ma

kinitx hbiberija ntima. Biss gara li din il-mara holqitlu aktar problemi ghax kellha argument ma zewgha u qaltlu li kienet lesta titilqu biex tmur mal-konvenut ghax thobbu. Dan sar jaf min kien il-konvenut u cempel lill-attrici. Il-konvenut jammetti li ma kienx qal xejn lil mara dwar din il-mara biex ma jdahlilhiex flieles f'mohhha. Hu fil-fatt waqaf ikellem lil din il-mara anke ghax zewgha kien heddu. Kellu glieda mal-mara u ghamel xi tliet ijiem jorqod fil-garaxx u meta mar lura martu talbitu jirrangaw. Hu ma riedx u hi qabdet u telqet ghand ommha u halliet it-tifla mieghu. Xi granet wara cempel Dun Ang biex ihajru jirranga pero' l-konvenut ma riedx.
Meta telqitu martu, kellu 37 sena u kien fi stat *down* hafna. Beda anke jahseb fuq suwicidju. Hajtu tbiddlet dan l-ahhar meta ltaqa' ma' mara ta' l-affari taghha li ghenitu jaghraf id-differenza u r-rispett bejn mara w ohra.

Fil-kontro-ezami xehed illi hu minn dejjem taha Lm60 fil-gimgha cjoe' l-paga li kien ikollu u hu kien jghix bil-*part-time* u jhallas id-dejn. Ta' dan kienet tlesti xi platt minestra w anqas hobz ma kien isib. Safejn jiftakar ma tahiex manteniment meta kien dizokkupat fl-1996. Qal li martu gieli xtrat hafna laham mhux ghalihom izda biex taghtih lil hutha.

Mill-irham kien idahhal xi Lm300 fix-xahar pero' gieli ma thallasx ta' xoghlu. Xehed li biex abbillixxa d-dar nefaq xi Lm1,000 ghax kien jaghmel hafna xoghol hu. Qal li ma jafx kemm dahhal flus mix-xoghol ta' l-irham ghax qatt ma ddikjarhom fit-taxxa.

Ammetta li hafna drabi mar jiekol ghand ommu minghajr ma avza lil martu.

Hu cahad li hut il-mara qatt hadmu d-dar bla hlas u kkonferma li l-kreditu li ghandu kontra hutha jirreferi ghal-perjodu qabel iz-zwieg. Qal li f'daru hadem biss Joseph Cassar, hu martu. Dan kien thallas Lm400 ta' xoghlu hmistax-il sena ilu u x-xoghol kien hazin tant li kellu jirrimedjah il-konvenut.

Cahad li qatt refa' jdejh fuq martu *nonostante* li kienet tipprovokah. Kienet hi li terfa' jdejha u gieli anke sawtet lit-tifla billi tigbidha minn xagharha tul l-intrata. Qatt ma ha passi kontra martu.

Qal illi t-tifla ghandha relazzjoni tajba ma' martu pero' ghandha relazzjoni ahjar mieghu. Hu qal li t-tifla dahhalha skola privata, cjoe' St Catherine's din is-sena wara li taha ghazla bejn skola privata u safra. Ma' ommha ma kkonsultax ghax din taqta' t-*telephone* meta tkellimha. L-ispejjez ghall-iskola johroghom hu u kien qal lit-tifla li ser johrog l-ispejjes hu u illi kienet ser tghid lil ommha b'dan.

Mistoqsi dwar ic-certifikat tat-tabib esibit u zewg rapporti maghmula mill-mara qal li dwar ic-certifikat ma kien jaf xejn u illi dwar l-incident tas-7 ta' Marzu jaf li martu rrappurtatu u gew pulizija fejn spjegalu li veru kellhom argument pero' kulma ghamel hu li kellu jdejh imxarrbin u tajjar ftit taqtir fuqha. Ma kien jaf xejn dwar incident tal-20 ta' April 1999. Qal pero' illi jiftakar okkazjoni meta martu kienet gja' telqet mid-dar matrimonjali u darba gie lura u qabadha tisraq xi affarijiet mid-dar ghax kienet gja' hadet l-affarijiet taghha. Cahad li waddbilha xi haga.

Hu qal li ma jaf lil hadd jismu Monica u wara s-separazzjoni qed tghix mara Russa mieghu. Meta t-tifla tkun ghall-access mieghu jaraha kuljum ghalkemm tghix ghand il-genituri tieghu. Hu ma jzommhiex mieghu mhux ghax qed ighix ma' mara ohra izda ghax mhedda minn ommha.
Illi dwar in-negozju qal li hemm *overdraft* li llum ilahhaq xi Lm12,000 ghalkemm l-*istatement* esebit minnu Dok "ND2" juri bilanc ta' Lm10,000 f'Marzu 2002. Hadu fiz-zwieg u beda bis-somma ta' Lm6,000. Kien ha l-*overdraft* kemm ghan-negozju w anke biex ighixu bih tant li martu gieli ffirmat *cheques* mill-*overdraft account*, ghall-manteniment ghax ma kienx ikollu ebda qliegh. Hu zied li l-kontroll tan-negozju kien f'idejh. Qal li l-hlasijiet li saru fuq il-*loans* saru minn flus generati minnu. Zied li hemm dejn iehor ta' madwar Lm2,000 favur ta' certu Emanuel Morguello. Dwar il-kawza li ghandu kontra Agius Marble Works ghall-kreditu ta' Lm843 din ghadha mhix deciza mill-Qorti.

Illi xehdet **Nazzarena Busuttil**, *supervisor*, li esebiet il-*home loan account* f'isem il-konvenut li ttiehed qabel iz-zwieg u li sa Jannar 2003 fih debitu ta' Lm3,737.

Illi din ix-xhud esebiet ukoll kont bankarju f'isem Rita Saliba li nfetah fl-1979 u illi fl-14 ta' Frar 1989 kellu bilanc ta' Lm2,000. Dan inghalaq fis-16 ta' Marzu 1989.

Illi Paul Gambina, manager tal-Bank of Valletta, esibixxa tliet kontijiet bankarji f'isem il-konvenut b'bilanc fihom ta' Lm55 *circa*.

Illi xehed ukoll **Tony Mangion** tal-Malta Maritime Authority li qal li ma hemmx dghajjes registrati mill-konvenut mal-MMA.

**(ii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

**<u>(a) RESPONSABBILTA'.</u>**

Illi din il-Qorti wara li eziminat il-provi kollha prodotti taqbel ma' l-abbli Perit Legali Dr. Mark Chetcuti li mill-istess jirrizulta illi r-responsabbilta ghat-thassir taz-zwieg hija unikament tal-konvenut, ghalkemm din il-Qorti qed tindika wkoll f'din is-sentenza fejn ma' taqbilx ma' l-istess perit legali.

Illi fil-fatt l-attrici tibbaza wkoll it-talba taghha ghall-separazzjoni personali fuq adulterju. F'dan il-kuntest jirrizulta car illi llum cioe' wara s-separazzjoni *de facto* l-konvenut qed ighix ma' mara Russa, u dan huwa wkoll ammess minnu. L-attrici tallega wkoll pero' illi anke qabel is-separazzjoni, il-konvenut kellu relazzjoni ma' mara ohra, u illi din kienet ir-raguni principali, apparti l-vjolenza tal-konvenut, li geghlitha titlaq mid-dar matrimonjali. L-attrici tallega li hi saret taf bl-adulterju ghax ir-ragel tal-persuna li kienet qeghda mal-konvenut cemplilha biex jinfurmaha. Hi tixhed ukoll illi zewgha, konfrontat b'dan ma cahadx. Ix-xiehda tal-attrici hi korroborata minn ohtha Catherine Vella u r-ragel taghha fis-sens illi omm il-

konvenut stqarret ma’ John Mary Vella li binha kellu relazzjoni ma’ mara ohra.

Illi l-konvenut jammetti r-relazzjoni mal-mara Russa izda jipprova jispjega illi mal-mara l-ohra cjoe’ dik ta’ qabel is-separazzjoni, kienet tezisti biss hbiberija platonika peress illi kienu sabu *a shoulder to cry on* billi t-tnejn kienu qed jghaddu minn problemi familjari. Hu jixhed illi din il-mara vvintat storja dwarhom biex taqla’ l-inkwiet ma’ zewgha. Il-Qorti thoss li l-versjoni tal-konvenut ma hijiex verosimili u fi kliem l-istess perit legali din l-ispjegazzjoni li ta hija wahda fjakka ghaliex ma tifhimx x’raguni setghet kellha din il-mara li tghid lil zewgha b’relazzjoni adultera waqt iz-zwieg. L-ispjegazzjoni aktar plawsibbli hi li zewgha qabadha jew li l-konvenut wieghdha li ser jitilqu flimkien u din ghamlet l-arja u ghajret lil zewgha b’dan. Pero’ l-ispjegazzjoni tal-konvenut fic-cirkostanzi ma hijiex kredibbli, u din il-Qorti thoss li mix-xhieda prodotti jirrizulta li l-konvenut ikkometta adulterju anke waqt li kien qed jghix ma’ l-attrici, u dan huwa wkoll evidenzjat mill-komporatment konstanti tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attrici waqt dan il-perjodu, u ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali hawn ukoll, fis-sens li jirrizulta li l-konvenut mhux issa biss ikkometta adulterju, izda wkoll waqt iz-zwieg u l-konvivenza tieghu ma’ l-attrici.

Illi l-attrici tallega wkoll vjolenza kontriha u nuqqas t’attenzjoni da parti ta’ zewgha. Din il-Qorti thoss li kontrarjament ghal dak relatat mill-perit legali jirrizulta mill-provi prodotti li effettivament il-konvenut kien isawwat lil martu u din ma kenitx okkazjoni ta’ darba, tant li kif xehdet l-istess attrici fis-seduta tas-7 ta’ Marzu 2001 hija kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali u tmur tghix ma’ ommha minhabba l-istess swat. Irrepetiet l-istess fis-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2001 fejn qalet hekk:-

*Fid-9 ta’ Mejju 1999 jiena kont tlaqt mid-dar konjugali. Tlaqt peress li kont sfurzata nitlaq minhabba li l-komportament ta’ zewgi kien wiehed vjolenti, kien iwaddabli l-affarijiet u ma’ kontx nista’ nkellmu izjed, u f’dan iz-zmien gieli anke refa’ jdejh fuqi”.*

Illi l-istess attrici rrakkontat ukoll incident li gara ghall-habta ta' April / Mejju 1999 u regghet xehdet dwar l-istess incidenti ta' vjolenza fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2001 u f'dan il-kuntest kienu saru wkoll rapporti lill-pulizija, liema rapporti huma esebiti a fol. 51 u 52 tal-process u zewg certifikati medici datati rispettivament 20 ta' April 1999 u 7 ta' Mejju 1999. Din il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha, thoss li l-attrici ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi u anke *oltre* li l-konvenut kien hati lejha anke ta' vjolenza domestika, u dan billi f'diversi okkazjonijiet refa' jdejh fuqha, li fl-ahhar kienet minabba hekk kostretta li titlaq mid-dar taghha.

Illi dwar in-nuqqas ta' attenzjoni li l-konvenut kien juri allegatament fil-konfront tal-attrici jirrizulta illi l-konvenut ma kienx iqatta' hafna hin id-dar ghax anke mix-xiehda tieghu qal li dejjem jahdem. Din l-akkuza saret miz-zewg kontendenti kontra xulxin. Filwaqt li l-attrici tixhed illi qatt ma kienu jkunu flimkien specjalment meta ssuspettat li qabad ma' mara ohra, il-konvenut ukoll jattribwixxi nuqqasijiet serji da parti ta' martu.

Illi hawn il-Qorti tinnota li minkejja li l-konvenut jirrizulta li huwa kontumaci, jidher li huwa xorta ressaq il-provi tieghu, u dwar dan jidher li ma saret l-ebda oggezzjoni mill-attrici jew mid-difensuri taghha u dan peress li l-konvenut intavola citazzjoni fl-ismijiet inversi u giet ordnata l-konnessjoni tal-kawzi, u fil-fatt il-provi kollha ngabru f'dan il-process. Fil-fatt fl-istess xhieda l-konvenut jallega li ghalkemm kien jaghtiha manteniment ta' Lm60 fil-gimgha, ma kinitx issajjarlu jew tnaddaf jew tiehu hsieb tat-tarbija. Illi pero' din il-Qorti, bhal perit legali, tinnota certi nkonsistenzi fix-xhieda tal-istess konvenut ghaliex ghalkemm jallega illi martu ma kinitx issajjar pero' in kontro-ezami huwa jghid li minn jeddu kien imur jiekol ghand ommu minghajr ma jghidilha.

Illi l-istess konvenut jghid ukoll illi tant ma kinitx kapaci tiehu hsieb it-tarbija li hafna miz-zmien qattghetu ghand ommu bit-tarbija. Apparti li prova ta' dan ma ngabitx u li kieku ttellghet tixhed omm il-konvenut dawn l-allegazzjonijiet kienu jkunu verifikabbli bhalma kien ikun

verifikabbli kif kienet izzomm id-dar u l-familja, mill-provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li dejjem kienet l-istess attrici li hadet hsieb l-istess minuri almenu fil-perjodu li l-partijiet baqghu jghixu flimkien.

Illi l-konvenut jallega wkoll li l-attrici kienet tippreferi lil familtha minnu pero' anke f'dan il-kaz din l-allegazzjoni ma giet bl-ebda mod ippruvata u wisq anqas sostanzjata u ghalhekk prova ta' dan ma hemmx hlief allegazzjonijiet li kellhom jaghtuh xi flus ta' xi xoghol li ghamlilhom meta kien ghadu gharus. Hu jallega wkoll illi ftit xhur qabel is-separazzjoni harget tahdem u kienet iddum barra.

Illi din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi l-allegazzjonijiet tal-konvenut kontra martu ma gewx ippruvati u ghalkemm kull zwieg ikollu d-diffikultajiet tieghu u kulhadd ghandu d-difetti tieghu. Pero' din il-Qorti thoss illi dak li wassal ghall-falliment taz-zwieg kien l-infedelta' u l-vjolenza domestika u swat *da parte* tal-konvenut, u ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

**<u>(b) Kura u Kustodja</u>.**

Illi mill-provi rrizulta illi t-tifla Gaynor ta' hmistax-il (15) sena tqatta' gimgha ma' ommha u gimgha ma' missierha. Fil-gimgha li tqatta' ma' missierha hu jaraha kuljum pero' fil-fatt torqod man-nanniet paterni. Ir-raguni li tidher pjuttost cara hi illi l-missier ighix ma' mara barranija u ghalhekk kemm jista' jkun it-tifla ma tigix esposta ghal certi modi ta' ghixien.

Illi jidher li dan l-arrangament kellu l-benedizzjoni tas-Sekond' Awla u sa llum hadd mill-partijiet ma wera xi oggezzjoni jew ilment ghal dan l-arrangament.

Illi din il-Qorti ma taqbilx li l-ulied ma jkollhomx dar stabbli fejn ighixu jew li l-genituri materni jew paterni jkollhom accessibbilta' ghan-neputijiet aktar mill-genituri.

Illi f'cirkostanzi ohra din il-Qorti kienet tissottometti mod differenti ta' kura tat-tifla Gaynor, pero' tenut kont li t-tifla llum ghandha hmistax-il (15) sena, u ilha tghix b'dan il-

mod ghal aktar minn erba’ snin u jidher li ma hemmx problemi la mill-ġenituri jew minn nanniet, ma thossx li jkun fl-interess tat-tifla, sakemm ma jirrizultawx provi ohra li jbiddlu l-*modus vivendi* ta’ din it-tifla.

Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi l-kura u l-kustodja ghandha tkun kongunta bejn il-partijiet u illi t-tifla Gaynor tibqa’ tabita gimgha ma’ ommha u gimgha ma’ missierha, fis-sens li missierha jkollu access liberu fil-gimgha li tkun mieghu izda tghix u torqod ghand il-genituri paterni.

**<u>(c) MANTENIMENT.</u>**

Illi din il-parti qajmet diffikulta lil din il-Qorti peress illi ma rrizultawx provi cari tal-qliegh tal-partijiet.

Illi jirrizulta illi l-konvenut kien f’xi zmien jahdem mal-Gvern u kellu *part-time* iwahhal l-irham. Fl-1996 *circa* jidher li waqaf jahdem mal-Gvern u beda jahdem ghal rasu fl-irham. Jixhed li kien idahhal xi Lm300 fix-xahar meta kien *part-time* ghax kien ikollu hafna hin liberu mix-xoghol mal-Gvern. Jirrizulta illi hu ghamel *overdraft* meta waqaf jahdem mal-Gvern biex ighinu f’dan ix-xoghol. Dan l-*overdraft* zdied konsiderevolment u ma jirrizulta xejn x’inhu l-qliegh tal-konvenut illum jekk fil-fatt ghandux qliegh.

Illi l-konvenut ghandu qliegh jirrizuta ndirettament mill-fatt li dan is-sajf skond ix-xiehda tieghu stess, hu offra lit-tifla jew li tmur skola privata, cjoe’ St. Catherine’s, jew isifirha. Hi ghazlet l-iskola. Hu fatt illi din l-iskola mhix irhisa u kwindi l-konvenut ghandu ntrojtu, kif ukoll jehtieg li jkollu ntrojtu biex ikun jista jmantni lilu nnifsu u mara ohra.

Illi ma rrizultax xi qliegh ghandha l-attrici. Zgur li kienet tiehu s-servizzi socjali ghax hekk xehdet dwar xi flus li fadlet. Irrizulta ghax mhux kontradett li ghamlet xi zmien tahdem *part-time* ftit qabel ma sseparaw pero’ llum ma rrizultax jekk hix qed tghix bl-ghajnuna socjali, jew b’xi introjtu iehor, jew ossia bit-tnejn.

Illi fic-cirkostanzi ghalhekk, ghalkemm l-attrici, jekk ma tahdimx u mhix kapaci tahdem ghandha jedd ghall-mantentiment minghand zewgha *stante* l-htija fis-separazzjoni, pero' ma jistax jigi akkordat ebda forma ta' manteniment lil mara minhabba nuqqas ta' provi. Din il-Qorti f'dan in-nuqqas u sabiex jigu evitati proceduri futuri ser tiehu dan il-fattur fil-konsiderazzjonijiet dwar il-komunjoni.

Illi rigward it-tifla *stante* li tqatta' gimgha ma' ommha u gimgha ma' missierha, il-Qorti thoss illi l-missier ghandu jipprovdi manteniment adegwat. F'dan il-kaz il-Qorti tiffissa hlas ta' Lm40 fix-xahar li l-konvenut ghandu jhallas lil martu ghall-manteniment ta' bintu sakemm din taghlaq it-tmintax-il (18) sena, waqt li din tkun ma' ommha, kif ukoll li jibqa' jhallas l-ispejjez kollha tal-edukazzjoni ta' l-istess tifla li ghandha tinzamm fi skola privata. Jekk it-tifla tibqa' tistudja l-konvenut ghandu jibqa' jaghti l-istess somma lill-omm sakemm it-tifla taghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena jew tibda tahdem *full time*, jew ma tibqax tghix ma' ommha, jew tizzewweg skond liema kundizzjoni tavvera ruhha l-ewwel.

## <u>(d) KOMUNJONI TAL-AKKWISTI.</u>

Illi d-dar matrimonjali hi parafernali tal-konvenut u dwar dan l-attrici ma hija qed tikkontesta xejn. Il-konvenut kellu *home loan* li baqa' jithallas tul iz-zwieg. Il-*loan* kienet ta' *circa* Lm6,000 u tul iz-zwieg thallset is-somma ta' Lm7,327.93 pero' minhabba l-imghaxijiet fadal bilanc dovut Lm3,737 *circa*. Id-dar kellha cens perpetwu li nfeda fiz-zwieg. Ic-cens ta' Lm68 fis-sena, bil-5%, infeda bl-ammont ta' Lm1,360, avolja l-kuntratt jew cedola tal-fidi ma jirrizultax fl-atti. Il-konvenut jghid li tul iz-zwieg saru xi Lm1,000 miljoramenti fid-dar.

Illi l-attrici zzid li zewgha xtara fiz-zwieg vann Kia BBJ 886 u Fiat Punto. Ghandu zewg dghajjes Topcat li xtara Lm5,000 tmien snin ilu u ohra Pinot de Pinot li xtara Lm9,000 xi seba' snin ilu. Dawn mhux kontradetti minn zewgha. Qalet li ghandu *garage* mikri li ma tafx zammux.

Illi qalet ukoll illi hi faddlet is-somma ta' Lm1,500 mill-flus li tawha tas-servizzi socjali li nqabdu peress li zewgha ma hallasx l-*overdraft*.

Illi l-konvenut jixhed li hemm overdraft li sar fiz-zwieg. Beda b'Lm6,000 biex jintuza ghax-xoghol tieghu u biex jghajjex il-familja u llum bl-imghaxijiet fih xi Lm12,000.

Illi qal li ghandu debitu ta' xi Lm2,000 ma' certu Emanuel Morguillo u kreditu ta' *circa* Lm843 minghand Agur Marble Woodworks pero' dan hu mertu ta' kawza. Il-konvenut semma wkoll xi krediti dovuta minn hut l-attrici pero' din il-Qorti thoss illi anke jekk dovuti dawn huma krediti tal-konvenut ta' qabel iz-zwieg u kwindi ma jinkwadrawx ruhhom fil-komunjoni tal-akkwisti.

Illi **Nazzarena Busuttil** tal-HSBC xehdet illi l-attrici kellha depozitu ta' Lm2,000 meta zzewget li gie zbankat xi xahrejn wara.

Illi **Paul Gambina** tal-Bank of Valletta qal li jezistu tliet kontijiet bankarju f'isem il-konvenut fl-ammont ta' Lm55.

Illi din il-Qorti ma rrizultalha xejn dwar mobbli fil-komunjoni *oltre* dawk elenkati.

Illi kwindi jirrizulta illi d-dar matrimonjali hi tal-konvenut pero' tul iz-zwieg thallset is-somma ta' Lm7,327 mill-assi tal-komunjoni, saru b'xi Lm1,000 miljoramenti u gie mifdi c-cens fl-ammont ta' Lm1,360. Fadal dejn ta' Lm3,737. Il-karozzi u d-dghajjes huma tal-komunjoni imma jinsabu f'idejn il-konvenut ghalkemm ma jirrizultax la l-valur tal-vetturi u lanqas il-valur odjern tad-dghajjes li skond l-attrici nxtraw Lm14,000. L-attrici wkoll kellha depozitu ta' Lm2,000 qabel iz-zwieg li ttiehed tul iz-zwieg u faddlet Lm1,500 li ttiehed biex jaghmel tajjeb ghal *overdraft* li hemm ta' *circa* Lm12,000 li sar principalment ghan-negozju u biex jghin il-familja, ghalkemm ma ngabitx prova mill-konvenut x'intefaq ghall-familja minn dan l-*overdraft*.

Illi hu car hu illi l-attrici spiccat b'xejn u fic-cirkostanzi hu difficli li tikkwantifika u taqsam il-komunjoni oggett b'oggett.  *Inoltre* kif gja' gie sottomess, l-attrici ma nghatat ebda manteniment ghax ma jirrizultax il-qliegh ta' zewgha, ghalkemm safejn jirrizulta hi ntitolata ghall-manteniment.

Illi jinghad ukoll illi tul iz-zwieg d-dar matrimonjali ghalkemm parafernali izda saru akkrexximenti fil-valur taghha naxxenti mill-komunjoni tal-akkwisti, bhal hlas ta' dejn, fidi ta' cens u miljoramenti.

Illi wara li gew meqjusa dawn il-fatti, din il-Qorti thoss illi l-konvenut ghandu jiehu d-dar b'kulma fiha, il-vetturi u d-dghajjes u l-kreditu dovut minn Agius Marble Works kif ukoll d-depoziti bankarji mal-Bank of Valletta, pero' jrid jidhol ghar-responsabbilta' tal-hlas tad-dejn kollu li fadal fuq id-dar, id-dejn ma' Emanuel Marguillo u l-*overdraft* kollu, li a skans ta' prova ohra, jirrizulta li sar ghax-xoghol tieghu li llum ghadu jgawdi minnu hu esklussivament.

Illi biex jaghmel tajjeb pero' ghal telf li l-attrici kellha tal-flus parafernali, ta' nofs dak li faddlet tul iz-zwieg, u ta sehemha mill-flus li thallsu mill-komunjoni kif fuq premess u wkoll tal-akkrexximent fil-valur tad-dar matrimonjali anke invista tal-benefikati maghmula u wkoll ghaliex jidher li ser ikun difficli ghall-attrici sabiex tithallas xi forma ta' manteniment mill-konvenut, *kif di piu'* gara fil-mori tal-kawza, din il-Qorti *arbitrio u boni viri* thoss illi l-konvenut ghandu jhallas lil martu s-somma ta' Lm6,000 ghal darba wahda biss a saldu tal-pretensjonijiet taghha kollha taghha fuq il-komunjoni u Lm6,000 ohra a saldu tal-manteniment skond l-**artikolu 54 (3)** li jista' *talvolta* jkun dovut lilha.

Illi ghalhekk in konkluzjoni din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi ghandha tintlaqa' l-ewwel talba attrici.  Ghandha wkoll tintlaqa' t-tieni talba attrici b'dan illi l-kura u l-kustodja ghandha tkun kongunta bil-kura tinqasam kif relevat aktar 'il fuq.  Tintlaqa' anke t-tielet talba attrici kwantu jirrigwarda l-manteniment ghat-tifla Gaynor u kwantu relevat fil-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti f'dak li hu l-manteniment dovut lill-attrici.  Tintlaqa' wkoll ir-raba'

talba attrici u jigu applikati kontra l-konvenut d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16**. Tintlaqa' l-hames talba attrici skond ma jirrizulta fil-parti ddedikata ghall-komunjoni tal-akkwisti fir-rapport tal-Perit Legali, u tigi michuda s-sitt talba attrici.

Illi f'dan il-kuntest jigi nnutat li fl-ewwel lok kien hemm rikors datat 29 ta' Ottubru 2002 tal-attrici li baqa' sa llum ma huwiex notifikat, u ghalhekk din il-Qorti tichad it-talba, u wkoll li minkejja li l-partijiet inghataw l-opportunita' li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet rispettiva, hadd mill-partijiet ma' pprezenta xejn.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja apparenti tal-konvenut, u wara li hadet konjizzjoni tat-talbiet tieghu fil-kawza fl-ismijiet inversi, u allura fic-citazzjoni stitwita minnu, **tilqa' t-talbiet attrici** bis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici b'dan li tiddikjara s-separazjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut konsistenti f'adulterju, mohqrija, u sevizzi, b'dan ukoll li b'konsegwenza tal-istess z-zwieg bejn il-kontedenti tkisser irremedjabbilment.

2. Tilqa' wkoll it-tieni talba attrici biss fis-sens illi l-kura u l-kustodja ghandha tkun kongunta bejn il-partijiet, u bl-access jinqasam kif indikat aktar 'il fuq b'dan illi t-tifla Gaynor tibqa' tabita gimgha ma' ommha u gimgha ma' missierha, fis-sens li missierha jkollu access liberu fil-gimgha li tkun mieghu, izda tghix u torqod ghand il-genituri paterni.

3. Tilqa' anke t-tielet talba attrici ghal dak li jirrigwarda l-manteniment ghat-tifla Gaynor *da parte* tal-konvenut u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-istess minuri l-ammont ta' erbghin lira Maltija (Lm40) fix-xahar, pagabbli b'effett mid-data ta' din is-sentenza kull xahar bil-quddiem fir-residenza tal-istess attrici, u b'dan ukoll li tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha

tal-istess minuri ghall-edukazzjoni taghha, tali spejjez kif attwalment huma u jezistu, kollox kif indikat aktar ’il fuq fl-istess decizjoni.

Illi ghalhekk dak li huwa manteniment tal-attrici, din il-Qorti filwaqt li tafferma li l-attrici ghandha dritt ta’ manteniment minghand il-konvenut, u kellha wkoll l-istess dritt fil-mori tal-kawza, tirreferi ghal dak li qed jigi deciz dwar id-divizjoni tal-komunjoni anke b’applikazzjoni tal-**artikolu 54 (3) u 48 tal-Kap 16** fejn l-konvenut qed ikun ordnat sabiex ihallas somma *per saldo* ghad-drittijiet tal-istess attrici ghall- mantiment minghandhu, kif hawn deciz.

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** *in toto,* b’dan li l-istess qed jittiehdu in konsiderazzjoni f’din id-decizjoni konsegwenti ghat-talbiet sussegwenti tac-citazzjoni attrici hawn aktar ’l isfel decizi.

5. Tilqa’ l-hames talba fis-sens li tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, b’dan li dwar assenjazzjoni u divizjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti din il-Qorti tordna li l-konvenut qed jigi assenjat il-mobbli kollha li hemm fl-istess dar b’kulma fiha (apparti l-fond “Desert Rose”, Triq l-Alfier, Zejtun – li hija parafernali ghall-konvenut), il-vetturi u d-dghajjes u l-kreditu dovut minn Agius Marble Works kif ukoll d-depoziti bankarji mal-Bank of Valletta plc, b’dan ukoll li qed jigu assenjati lill-istess konvenut id-debiti kollha li baqa’ jiggravaw l-istess immobbli, u allura r-responsabbilta’ tal-hlas tad-dejn kollu li fadal fuq id-dar, u wkoll id-debiti ezistenti ma’ Emanuel Marguillo u kull ammont dovut fuq l-*overdraft* mal-bank indikata fl-istess xhieda, b’dan pero’ li in vista ta’ tali assenjazzjoni lill-konvenut kif hawn appena deciz, u ghalhekk sabiex taghmel tajjeb ghat-telf li l-attrici kellha tal-flus parafernali, ta’ nofs dak li faddlet tul iz-zwieg, u ta’ sehemha mill-flus li thallsu mill-komunjoni kif fuq premess, u wkoll ta’ l-akkrexximent fil-valur tad-dar matrimonjali anke in vista tal-benefikati maghmula, u wkoll ghaliex jidher li ser ikun difficli ghall-attrici sabiex tithallas xi forma ta’ manteniment mill-konvenut, kif *di piu’* gara fil-mori tal-kawza, din il-Qorti *arbitrio u boni viri* tordna lill-

konvenut sabiex ihallas lill-attrici proprju s-somma ta’ sitt elef lira Maltija (Lm6,000) ghal darba wahda biss a saldu tal-pretensjonijiet taghha kollha taghha fuq il-komunjoni, u s-somma ulterjuri ta’ sitt elef lira Maltija (Lm6,000) ohra *a saldu* tal-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici, liema ammont qed jigi ffissat skond id-dispozizzjoni ta’ l-**artikolu 54 (3)** tal-**Kap 16**, b’dan li l-konvenut qed jigi ordnat u kkundannat sabiex ihallas lill-attrici ghas-saldu ta’ sehemha kif premess ghall-assi parafernali taghha, sehemha mill-komunjoni, u wkoll ghad-dritt taghha ta’ manteniment is-somma komplessiva ta’ tnax-il elf lira Maltija (Lm12,000).

Illi jigi ddikjarat li l-fond indikat fl-istess talba huwa parafernali ghall-konvenut bil-konsegwenzi kollha naxxenti minn tali dikjarazzjoni suggett dejjem ghal dak hawn deciz.

6. Tichad is-sitt talba attrici *stante* li in vista’ ta’ dak hawn deciz mhux il-kaz li din it-talba tintlaqa’.

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-konvenut u bl-imghax legali fuq is-somom hawn likwidati favur l-attrici sad-data ta’ l-effettiv pagment kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------